| Il-Programm għall-Edukazzjoni Reliġjuża għat-Tieni Sena tal-Primarja | | |
|---|---|---|
| | | |
| **Kap 1** | **Id-dinja sabiħa** | |
| **L-Objettiv:** | **Il-Lingwa Reliġjuża** | **4 lezzjonijiet** |
| **L-Għanijiet** | a) Jirrevedu l-fatt li bħala persuni m'humiex l-istess.<br>b) Jagħrfu li għandhom japprezzaw lil xulxin.<br>c) Jifhmu li kollha għandhom il-kwalitajiet tajbin.<br>d) Jitkellmu dwar it-tajjeb li għandhom.<br>e) Jidentifikaw id-differenzi li jeżistu bejniethom, u xorta jistgħu jkunu ħbieb.<br>f) Jagħrfu d-differenzi li jeżistu barra l-komunità tagħhom f'Malta u barra minn Malta.<br>g) Jitgħallmu x'inhu r-rispett u jitgħallmu kif għandhom juruh lejn kulħadd.<br>h) Jifhmu kemm hu sabiħ li juru rispett lejn kulħadd.<br>i) Jidentifikaw xi nies f'Malta li jservu ta' għajnuna biex il-pajjiż jimxi 'l quddiem. | |

| | | |
|---|---|---|
| L-Attitudni | a) Juru dejjem rispett lejn xulxin.<br>b) Jisimgħu dejjem lil xulxin għax dan juri li huma jirrispettaw lill-oħrajn.<br>c) Jifhmu li mhux kulħadd għandu l-istess stil ta' ħajja bħalhom, imma kulħadd jista' jkun ħabib tagħhom. Jaraw li japprezzaw lil kulħadd dejjem.<br>d) Kulmin qed jgħinhom biex isiru aħjar, iridu jħobbuh. | |
| | | |
| L-Objettiv | Id-Dimensjoni Spiritwali | 4 lezzjonijiet |
| L-Għanijiet | a) Jiċċelebraw flimkien għax huma aħwa ta' xulxin.<br>b) Jieħdu pjaċir permezz tal-kant, il-mużika u t-tpinġija waqt li jiċċelebraw flimkien.<br>c) Jifhmu għalfejn kulħadd għandu s-sbuħija tiegħu.<br>d) Jagħrfu jitolbu għal dawk il-persuni li mhux dejjem ikunu kuntenti.<br>e) Jifhmu, permezz tal-Innu Malti, li madwarhom hemm diversi kategoriji ta' nies bi rwol differenti. | |

| | | |
|---|---|---|
| **L-Attitudni** | a) Jaħdmu ħa jkunu ferħanin flimkien.<br>b) Jitolbu għal min mhux dejjem ikun kuntent u fejn jistgħu jgħinuh. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Kelma t'Alla** | **4 lezzjonijiet** |
| **L-Għanijiet** | a) Jirrevedu l-istorja tal-Ħolqien (Ġenesi 1).<br>b) Jiftakru fl-imħabba t'Alla għalihom meta ħalaq kollox.<br>c) Jiftakru fl-istaġuni u jagħrfu bl-importanza ta' kull staġun.<br>d) Jifhmu, minn dak li jaraw u jisimgħu, kemm huma apprezzati minn Alla.<br>e) Jiċċelebraw is-sbuħija tal-istaġuni.<br>f) Jisimgħu u jaraw parti mill-istorja meta f'maltempata Alla bagħat lil San Pawl fostna.<br>g) Minn din l-istorja, jifhmu kemm Alla ħa u jieħu ħsieb il-Maltin. | |
| **L-Attitudni** | a) Jgħidulu 'grazzi' mill-qalb lil Alla talli jħobbhom.<br>b) Japprezzaw kull staġun bis-sabiħ u l-ikrah tiegħu.<br>c) Jieħdu pjaċir ikantaw u jaraw fil-verità kemm huma | |

| | | |
|---|---|---|
| | xxurtjati b'dak li għandhom.<br>d) Jirringrazzjaw lil San Pawl li għenhom isiru jħobbu lil Ġesù. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika** | **2 lezzjonijiet** |
| **L-Għanijiet** | a) Jifhmu kif l-ambjent hu rigal t'Alla.<br>b) Jagħrfu x'jifhmu meta jsemmu l-ambjent – postijiet u nies.<br>c) Jesperjenzaw kif jistgħu jieħdu ħsieb il-postijiet u n-nies. | |
| **L-Attitudni** | a) Jiftakru fir-rigali li tahom Alla u jifhmu kemm iħobbhom.<br>b) Iħallu ambjent nadif billi ma jħammġux u billi jħobbu lil kulħadd. | |
| | | |
| **Kap 2** | **Il-ħbieb iħobbuna** | |
| **L-Objettiv** | **Lingwa reliġjuża** | **4 lezzjonijiet** |
| **L-Għanijiet** | a) Jifhmu li aktar kemm jikbru aktar iċ-ċirku tal-ħbieb ħa jikber.<br>b) Jikkonsolidaw kif għandhom iġibu ruħhom mal-ħbieb.<br>c) Jagħrfu min huma tassew il-ħbieb tajbin u min huma dawk | |

| | | |
|---|---|---|
| | ħżiena.<br>d) Jifhmu kif kull bniedem għandu bżonn għalliema tajbin biex isiru aħjar (Nikodemu għand Ġesù / Michelangelo).<br>e) Janalizzaw x'ġara minn dawn in-nies meta qagħdu għal dak li qalulhom l-għalliema tagħhom.<br>f) Jifhmu min huma l-ħbieb il-kbar, il-ġenituri jew min jieħu ħsiebhom, l-għalliema, il-katekisti li qed jgħinuhom isiru aħjar.<br>g) Jifhmu kif għandha tkun l-imġiba tagħhom ma' dawn il-persuni. | |
| **L-Attitudni** | a) Juru rispett lejn ħbiebhom.<br>b) Jagħżlu l-ħbieb tagħhom sew.<br>c) Jagħmlu l-ġid lil kulħadd!<br>d) Japprezzaw lill-għalliema tagħhom bħala l-ħbieb kbar tagħhom, fost ħbieb oħra. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Id-Dimensjoni Spiritwali** | **4 lezzjonijiet** |
| **L-Għanijiet** | a) Jiċċelebraw u jilqgħu lil Ġesù bħala l-akbar ħabib tagħhom. | |

| | | |
|---|---|---|
| | b) Jirrevedu għalfejn ngħidu li Ġesù huwa l-akbar ħabib.<br>c) Jitgħallmu xi frażijiet jew sentenzi li qal Ġesu biex juri l-imħabba tiegħu.<br>d) Japprezzaw Salm 27.<br>e) Jiddiskutu Salm 27 u jaraw x'jistgħu jieħdu għall-ħajja tagħhom. | |
| **L-Attitudni** | a) Jgħixu fuq l-eżempju ta' Ġesù li hu l-akbar ħabib tagħhom.<br>b) Jisimgħu fuq Ġesù ħalli jsiru jafuh aħjar.<br>c) Iħobbu lil xulxin għax Ġesu' ħabbhom tassew. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Kelma t'Alla** | **4 lezzjonijiet** |
| **L-Għanijiet** | a) Jifhmu li Ġesù kien tifel bħalna.<br>b) Japprezzaw kif Ġesù kien iġib ruħu meta kien żgħir.<br>c) Jagħrfu x'għamel meta kiber.<br>d) Jitgħallmu kif Ġesù għallem – ix-xhieda li taha u ma' min kien jagħmilha.<br>e) Jisimgħu l-istorja tal-Paralitiku ħdejn ix-xmara.<br>f) Jagħrfu aktar kif għandhom iħobbu permezz tal-istorja tas- | |

| | | |
|---|---|---|
| | Samaritan it-Tajjeb.<br>g) Jiċċelebraw bil-ferħ dak li qed jgħidilna Salm 8. | |
| **L-Attitudni** | a) Jobdu bħal Ġesù.<br>b) Iħobbu, mhux bil-kliem biss imma b'dak li jagħmlu wkoll.<br>c) Jgħinu anke lil min ma jafux.<br>d) Ifaħħru lil Alla u lil sħabhom. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika** | **2 lezzjonijiet** |
| **L-Għanijiet** | a) Jifhmu xi tfisser li tħobb tassew, jiġifieri li juru ħniena mal-oħrajn.<br>b) Jiddiskutu kif Ġesù ħabb tassew, speċjalment permezz tas-sagramenti.<br>c) Jifhmu xi tfisser li tqerr u jiċċelebraw fil-ferħ dan is-sagrament fejn tidher l-imħabba t'Alla għalihom. | |
| **L-Attitudni** | a) Jirrispettaw lil xulxin f'kull okkazjoni.<br>b) Jitolbu maħfra lil xulxin bil-qalb. | |

| | | |
|---|---|---|
| **Kap 3** | **Il-qalb tajba** | |
| **L-Objettiv** | **Il-Lingwa Reliġjuża** | **4 lezzjonijiet** |
| **L-Għanijiet** | a) Jagħrfu d-differenza bejn it-tajjeb u l-ħażin.<br>b) Jelenkaw affarijiet li jridu jagħmlu għax tajbin u oħrajn li jridu jaħarbu għax huma ħżiena.<br>c) Jisimgħu l-istorja ta' Esopu : *Ant and the Dove.*<br>d) Jagħrfu kemm hu sew li tgħin.<br>e) Jisimgħu l-istorja ta' Esopu: *Ant and the grasshopper.*<br>f) Jifhmu kemm hu ikrah l-għażż.<br>g) Jirrevedu l-istorja tal-Iben il-Ħali.<br>h) Jitgħallmu kemm hu sew li meta nindunaw bl-iżball nerġgħu lura lejn il-Missier tagħna. | |
| **L-Attitudni** | a) Jaraw x'hemm bżonn li jagħmlu llum u jagħmluh.<br>b) Jgħinu lil xi ħadd ta' madwarhom li jkun fil-bżonn.<br>c) Jgħinu lil kulħadd u mhux lil min jogħġobhom biss.<br>d) Jagħmlu x-xogħol tagħhom u tal-iskola dejjem sew u bil-qalb biex jevitaw li jkunu għażżenin. | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| L-Objettiv | Id-Dimensjoni Spiritwali | 4 lezzjonijiet |
| L-Għanijiet | a) Jifhmu kemm iħobbhom Alla.<br>b) Jaraw u jisimgħu l-istorja *God is Great.*<br>c) Jifhmu kif jistgħu jgħinu b'modi differenti.<br>d) Jagħrfu li anke Ġesù kien jitlob.<br>e) Jitgħallmu talb differenti għal persuni differenti.<br>f) Jitgħallmu l-Att tal-Indiema.<br>g) Jiddiskutu din it-talba u allura jifhmu eżattament x'qed tgħid. | |
| L-Attitudni | a) Jagħrfu kemm Alla jħobbhom tassew u allura jħobbu lil xulxin mill-qalb kuljum.<br>b) Jagħtu dejjem minn dak li għandhom, anke fil-ħin liberu tagħhom.<br>c) Isibu ħin biex jitolbu u allura biex jitkellmu m'Alla.<br>d) Jitgħallmu jitolbu maħfra lil Alla u jaħfru lil ħaddieħor kif jixtiequ li ħaddieħor jaħfer lilhom. | |
| | | |

| L-Objettiv | Il-Kelma t'Alla | 4 lezzjonijiet |
|---|---|---|
| L-Għanijiet | a) Jifhmu għalfejn Ġesù ġie fid-dinja.<br>b) Jirrealizzaw l-imħabba li biha ħabbhom Ġesù meta ġie fostna.<br>c) Jirrevedu kif kien iġib ruħu ma' diversi nies (Matt. 6. 1-4).<br>d) Jisimgħu l-istorja ta' Ġesù mas-samaritana li turi li hu mar 'l hinn minn dak li kien jidher.<br>e) Jisimgħu l-istorja ta' Ġesù mal-imġiddem li hu fejjaq (Matt. 8. 1-4).<br>f) Jagħrfu li l-imġiba ta' Ġesù ma' dawn il-persuni, turina kif għandna nġibu ruħna. | |
| L-Attitudni | a) Jagħmlu ħilithom biex iġibu ruħhom sew kif uriena Ġesù u jaħdmu biex imorru l-ġenna.<br>b) Iħobbu u jirrispettaw anke lil min ma jaqbilx magħhom.<br>c) Ma jiddejqux joqogħdu ma' dawk li ma tantx għandhom ħbieb.<br>d) Jgħinu lil ħaddieħor billi jagħtu milli għandhom. | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **L-Objettiv** | **Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika** | **2 lezzjonijiet** |
| **L-Għanijiet** | a) Isiru midħla tal-istorja: It-tempesta kkalmata (Matt.8. 23-27).<br>b) Isiru midħla ta' xi stejjer li jgħallmuhom jitgħallmu mill-iżbalji tagħhom jew ta' ħaddieħor. | |
| **L-Attitudni** | a) Jagħrfu kemm hu importanti li jagħrfu l-iżbalji u jitgħallmu minnhom.<br>b) Napprezzaw u nuru gratitudni lejn min jurina b'imħabba li żbaljajna. | |
| | | |
| **Unit 4** | **Nilqgħu l-aqwa ħabib** | |
| **L-Objettiv** | **Il-Lingwa Reliġjuża** | **4 lezzjonijiet** |
| **L-Għanijiet** | a) Jifhmu l-modi differenti ta' kif jistgħu jsiru jafu lil xulxin.<br>b) Jagħrfu kif l-ikliet u l-okkażżjonijiet jgħinuhom isiru jafu aktar lil xulxin.<br>c) Jifhmu kif bit-talb isiru jafu aktar lil Ġesù.<br>d) Jitgħallmu modi differenti ta' kif jitolbu.<br>e) Jitgħallmu dwar modi differenti ta' talb ta' diversi | |

| | | |
|---|---|---|
| | religjonijiet.<br>f) Jagħrfu kif Ġesù jiġi għandhom permezz ta' ikla.<br>g) Jifhmu li l-quddiesa hija ikla u talba speċjali. | |
| **L-Attitudni** | a) Jagħrfu japprezzaw lil Ġesù fl-Ewkaristija.<br>b) Jitgħallmu jitolbu kif inhu xieraq.<br>c) Jagħrfu jġibu ruħhom sew waqt it-talb u waqt il-quddiesa.<br>d) Jitgħallmu jirrispettaw il-modi differenti ta' talb. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Id-Dimensjoni Spiritwali** | **4 lezzjonijiet** |
| **L-Għanijiet** | a) Jitgħallmu meta għandhom jitolbu.<br>b) Jifhmu kif għandhom jitolbu.<br>c) Jagħrfu l-importanza tat-talb.<br>d) Isiru midħla tal-istorja ta' Marta u Marija.<br>e) Jiddiskutu l-mod ta' kif Ġesù ġab ruħu.<br>f) Jagħrfu l-messaġġ wara l-kliem ta' Ġesù u l-importanza li ta lill-kelma tiegħu.<br>g) Jibdew jiffamiljarizzaw ruħhom mat-talb tal-quddiesa. | |

| | | |
|---|---|---|
| L-Attitudni | a. Jiftakru fil-Mulej qabel ma jibdew ix-xogħol tagħhom.<br>b. Jirringrazzjaw lill-Mulej qabel jibdew jieklu.<br>c. Ifaħħru lil Alla tal-ġid li jipprovdilhom.<br>d. Jitolbu u jifhmu: Sinjur tiegħi u Alla tiegħi. | |
| | | |
| L-Objettiv | Il-Kelma t'Alla | 4 lezzjonijiet |
| L-Għanijiet | a) Jiċċelebraw flimkien bil-kant u bit-talb biex juru gratitudni lejn Alla (Lq.17. 11-19).<br>b) Jagħrfu l-aktar talb importanti tal-quddiesa.<br>c) Jitgħallmu t-talba ta' qabel it-tqarbin u jisimgħu l-istorja ta' kif ġiet din it-talba.<br>d) Isiru midħla ta' kif kienu jiċċelebraw l-Ewkaristija l-ewwel Insara.<br>e) Jisimgħu x'nagħmlu kull nhar ta' Ħadd.<br>f) Jifhmu kif ser jirċievu lil Ġesù.<br>g) Jisimgħu t-talba tal-Glorja.<br>h) Jifhmu li Alla jgħin lil kull min jitolbu.<br>i) Isiru midħla ta' Salm 145; 18-19. | |

| | | |
|---|---|---|
| **L-Attitudni** | a) Jitgħallmu jagħmlu l-affarijiet f'ħinhom – il-ħin tat-talb u l-ħin tal-logħob.<br>b) Japprezzaw l-importanza tat-talb.<br>c) Jitgħallmu jitolbu b'mod spontanju matul il-ġurnata.<br>d) Ngħinu lil kulħadd biex ħadd ma jħossu waħdu. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika** | **2 lezzjonijiet** |
| **L-Għanijiet** | a) Jisimgħu l-istorja ta' Ġesù miexi fuq l-ilma (Matt.14. 22-31).<br>b) Jifhmu l-qawwa li għandu Ġesù.<br>c) Jagħrfu kif għandhom iġibu ruħhom dawk li jħobbu lil Ġesù.<br>d) Jifhmu l-mod ta' kif it-talb jgħinna nersqu lejn xulxin.<br>e) Jidentifikaw dawk il-persuni li tajjeb li jitolbu għalihom għax kienu ta' għajnuna għalihom matul din is-sena. | |
| **L-Attitudni** | a) Jitolbu għal dawk li għenuhom matul din is-sena.<br>b) Jemmnu li Ġesù kapaċi jagħtihom dak li hu ta' ġid għalihom. | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Unit 5** | **Ġesù jitwieled bħalna** | |
| **L-Objettiv** | **Il-Lingwa Reliġjuża** | **2 lezzjonijiet** |
| **L-Għanijiet** | a) Jiftakru xi tfisser il-wasla ta' tarbija.<br>b) Jiftakru fil-preparazzjonijiet li jsiru biex infakkru t-twelid ta' Ġesù.<br>c) Jifhmu ftit xi jfisser l-Avvent.<br>d) Jisimgħu kif pajjiżi oħrajn jiċċelebraw il-Milied. | |
| **L-Attitudni** | Jippreparaw ruħhom sew għall-miġja ta' Ġesù. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Id-dimensjoni Spiritwali** | **3 lezzjonijiet** |
| **L-Għanijiet** | a) Jippreparaw il-girlanda tal-Milied u jifhmu t-tifsira tax-xemgħa.<br>b) Isiru midħla ta' dak li setgħu ħassew Ġużeppi u Marija hekk kif wasal biex jitwieled Ġesù.<br>c) Jifhmu r-rwol importanti li kellhom ir-rgħajja.<br>d) Iżuru xi presepji. | |
| **L-Attitudni** | a) Japprezzaw li Ġesù twieled biex isalvana.<br>b) Jaħdmu biex jgħixu tajjeb. | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| L-Objettiv | Il-Kelma t'Alla | 2 lezzjonijiet |
| L-Għanijiet | a) Jisimgħu u jaraw l-Istorja tal-Milied.<br>b) Japprezzaw il-ġrajja tal-Milied.<br>c) Jitgħallmu xi kant tal-Milied. | |
| L-Attitudni | Juru l-apprezzament tagħhom li Ġesù twieled għalina lkoll għax dan hu rigal kbir. | |
| | | |
| L-Objettiv | Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika | 1lezzjoni |
| L-għanijiet | a) Jiddiskutu kif ser jilqgħu lil Ġesù f'dan il-Milied.<br>b) Jifhmu kif bdiet il-purċissjoni tal-Bambin.<br>c) Jifhmu kif ser jagħmlu biex Ġesu jitwieled f'qalbhom. | |
| L-Attitudni | a) Jaħdmu biex iħallu lil Ġesù jitwieled f'qalbhom.<br>b) Imorru għall-purċissjoni tal-Bambin. | |
| | | |
| **Unit 6** | **Ngħixu bħal Ġesù** | |
| L-Objettiv | Il-lingwa Reliġjuża | 2 lezzjonijiet |

| | | |
|---|---|---|
| **L-Għanijiet** | a) Iħossu l-ferħ ta' meta wieħed jirnexxilu jikseb is-suċċess wara l-falliment.<br>b) Jelenkaw kif għandha tkun l-imġiba tagħhom fejn jidħlu l-falliment u s-suċċess. | |
| **L-Attitudni** | a) Jitgħallmu li hu importanti li jagħmlu x-xogħol tagħhom bis-serjetà, anke meta ma jirnexxux.<br>b) Jibqgħu jagħmlu kuraġġ f'ħajjithom. | |
| | | |
| **L-objettiv** | **Id-Dimensjoni Spiritwali** | **2 lezzjonijiet** |
| **L-għanijiet** | a) Jifhmu minn fejn jiġi l-kuraġġ biex inkomplu mexjin.<br>b) Jagħrfu min ta l-kuraġġ lill-appostli biex jibqgħu mexjin.<br>c) Jagħrfu kif din il-qawwa hija tagħna wkoll. | |
| **L-Attitudni** | Jagħrfu li fil-ħajja importanti li jibqgħu jaħdmu għaliex xejn mhu faċli. | |
| | | |

| L-Objettiv | Il-Kelma t'Alla | 2 lezzjonijiet |
|---|---|---|
| L-Għanijiet | a) Jisimgħu l-istorja tal-passjoni ta' Ġesù.<br>b) Jifhmu kif bil-passjoni tiegħu, Ġesù kiseb is-suċċess.<br>c) Jisimgħu l-istorja tal-qawmien.<br>d) Jiffukaw fuq l-ikbar suċċess - il-qawmien.<br>e) Jagħrfu, għalkemm żgħar, il-kobor tal-Qawmien ta' Ġesù mill-mewt. | |
| L-Attitudni | Kristu qam. Jagħrfu modi differenti kif jegħlbu d-diffikultajiet , in-niket, it-tbatija tagħhom bħal Ġesù. | |
| | | |
| L-Objettiv | Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika | 2 lezzjonijiet |
| L-għanijiet | a) Jagħrfu kif ser isarrfu l-qawmien mill-mewt ta' Ġesù fil-ħajja tagħhom.<br>b) Jifhmu kif Alla l-Missier u dawk li jħobbuhom, jgħinuhom biex jagħmlu kuraġġ. | |
| L-Attitudni | a) Jistinkaw f'kull sitwazzjoni ta' ħajjithom.<br>b) Jaħdmu biex fil-ħajja tagħhom, qatt ma jonqsilhom il-kuraġġ. | |